MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VINCENT GALEA

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2013

Talba Numru. 719/2012

**Mobisle Communications Limited**

**Vs**

**Rita MAMO [ID. Nru. 456760M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fl-24 ta' Ottubru, 2012** u li permezz taghha talbet lill-intimata thallasha s-somma ta' elf erba' mija erbgha u ghoxrin euro u erbgha u hamsin ċenteżmu [€1,424.54c] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi l-konvenuta ghandha taghti lis-socjeta attriċi s-somma ta' elf erba' mija erbgha u ghoxrin ewro u erbgha u hamsin ċenteżmi (€1,424.54) in konnessjoni ma' Laptop Connect (AC51009957) u li jinkludi HP Compaq 610 u Bandluxe C270, u dan skont kuntratt tad-29 ta' Dicembru, 2009.

Illi s-somma ta’ elf erba’ mija erbgha u ghoxrin Ewro u erbgha u hamsin ċenteżmi (€1,424.54c) fuq indikata hija komposta minn seba’ mija hamsa u tmenin ewro u erbgha u hamsin ċenteżmu (€785.54c) dovuti in konnessjoni mas-servizz u dan skont Dokument A anness, flimkien ma sitt mija disgha u tletin Ewro (€639) dovuti bhala penali skont Dokument B anness.

Illi nterpellata diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Bl-imghax u bl-ispejjez, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali 1945/12”.

Ra **r-risposta tal-intimata** minnha mressqa fil-15 ta’ Novembru, 2012 u li permezz taghha hija rrispondiet hekk ghat-talba tas-socjeta rikorrenti:

“Il-konvenuta Rita Mamo tikkontesta t-talbiet attriċi.

Hija tirrespingi l-pretensjoni tas-socjeta attriċi peress illi hija ma kellhiex is-servizz ta’ LAPTOP CONNECT, u dan peress li kien hemm hsara teknika li minhabba fiha hi ma setghatx ikollha dan is-servizz.

Hija nfurmat bosta drabi lill-Kumpanija, iżda din baqghet ma sewwietx il-hsara teknika ghalkemm ghadda hafna żmien. Ghalhekk ladarba s-servizz ma nghatax, il-hlas mhux dovut. Kieku kull kumpanija jkollha d-dritt li timponi penali ta’ €639 kif jidhrilha, l-ekonomija tistagna”.

Ra l-verbali datati 16 ta’ April, 2013 u 6 ta’ Mejju, 2013 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Ra d-dikjarazzjoni maghmula mid-difensur ta’ l-intimata fis-seduta tas-16 ta’ April, 2013 fejn gie dikjarat li l-kompjuter dam ghand l-intimata sentejn, sena jahdem u sena ohra minghajr ma jahdem u dan skont kif gie spjegat minn Anthony Mifsud.

Semgha’ x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. In succint jinghad li s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas minghand l-intimata tas-somma ta’ €1,424.54c, liema ammont huwa maqsum hekk:

i. €785.54c dovuti in konnessjoni mas-servizz; u

ii. €639 dovuti bhala penali;

L-intimata fir-risposta taghha tghid li hija ma kellhiex l-uzu tas-servizz maghruf bhala Laptop Connect u dan minhabba hsara teknika u minkejja li hija nfurmat lis-socjeta rikorrenti diversi drabi b’dan il-fatt, din baqghet qatt ma sewwiet din il-hsara. Ghalhekk, targumenta l-intimata la darba ma nghatax is-servizz, allura l-ebda hlas ma huwa dovut. Ghar-rigward tal-penali hija tghid li s-socjeta rikorrenti ma kellha l-ebda dritt li timponi din il-penali.

Ikkunsidra;

2. Fis-seduta tal-11 ta’ Jannar, 2013 **xehdet Ruth Debono**, addetta fil-Credit Control Department tas-socjeta rikorrenti. Hija qalet li fid-disgha u ghoxrin (29) ta’ Dicembru tas-sena elfejn u disgha (2009) l-intimata kienet hadet *laptop* minghand is-socjeta rikorrenti taht l-iskema ta’ *laptop connect*. Ix-xhud tghid li l-intimata sal-lum il-gurnata fadalla thallas is-somma ta’ elf erbgha mija erbgha u ghoxrin ewro u erbgha u hamsin centezmi ta’ ewro (€1424.54c) liema somma hija komposta mis-segwenti zewg ammonti u cioe:

i. €785.54c ghas-servizz; u

ii. €639.00 bhala penali talli hi ma komplitx bil-kuntratt.

Ziedet tghid li l-ahhar pagament kien sar mill-intimata fil-hmistax (15) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ghaxra (2010).

3. Fis-7 ta' Marzu, 2013 xehed **Anthony Mifsud**, prodott mill-intimata. Beda biex qal li huwa kien mar ma l-intimata fil-hanut gesitit mis-socjeta rikorrenti f'zewg okkazzjonijiet. F'wahda minn dawn l-okkazzjonijiet l-intimata kienet qalet lill-addetti tas-socjeta rikorrenti li dan il-prodott ma kienx tajjeb ghaliha peress illi hi ma tifhmux u sahansitra riedet ittihulhom lura. Qal illi dan il-*laptop* ghamel sena jahdem u fil-fatt sahansitra kien jużah l-istess xhud. Wara sena "*rega beda jmur, dan ghar-rigward tal-kompjuter. Fil-fatt konna qeghdin indahlu l-plakka go l-eletriku u dan il-kompjuter baqa' ma xeghelx, jista jkun li marret il-battery pero' ma nafx*" (fol. (fol. 19). Jistqarr li s-socjeta' rikorrenti kienet baghtet lill-intimata biex issewwi dan il-*laptop* iżda minkejja dan kollu, hija baqghet ma nqdietx. L-istess xhud jiftakar li kien hemm okkazzjoni fejn kienu marru fil-hanut tas-socjeta rikorrenti li jinsab il-Belt u hemmhekk hallas tlett mitt ewro (€300). Dan fiz-zmien ta' meta kien ghadu tajjeb il-*laptop*. Fis-16 ta' April, 2013 sar il-kontro-ezami ta' dan ix-xhud fejn stqarr li "*dan il-laptop waqalghha lill-intimata u nkisser u allura biex insewwuh zgur ma kienx ser jigi worth it il-ghaliex kien ser jigi ghola milli kieku nxtara gdid. Il-laptop imbaghad ramietu*" (fol. 22).

Ikkunsidra ulterjorment;

4. Illi mill-provi prodotti, jirrizulta li l-intimata kienet, fid-29 ta' Dicembru, 2009, akkwistat minghand is-socjeta rikorrenti kompjuter tat-tip HP Compaq 610 u Bandluxe C270. L-ammont pagabbli fix-xahar mill-intimata kellhu jkun ta' €49.99 (inkluż f'dan l-ammont il-VAT però exkluz l-Excise Tax).

5. Skond ma jirrizulta mill-kopja tal-ewwel faċċata tal-kuntratt de quo, il-kuntratt kellhu jkun ghal tlett (3) snin u f'kaz li l-kuntratt jiġi terminat qabel l-imsemmija tlett (3) snin allura s-socjeta rikorrenti kienet qeghda tirriserva d-dritt taghha li żżomm il-penali stipulata fil-pagna ta' wara fil-klawsola 13a ta' l-imsemmi ftehim.

6. Irrizulta mhux kontestat li l-intimata ghamlet xi żmien tuża dan il-kompjuter u dan skond ma xehed Anthony Mifsud, iżda mbaghad, wara li kien waqa dan il-kompjuter ma l-art u inkiser, hija ma sewwietux u qabdet u ramietu l-ghaliex kien ser jiġi iktar biex issewwieh milli kieku xtrat iehor ġdid. Illi anke a bażi tal-provi prodotti, l-eccezzjoni ta' l-intimata meta tghid li hija ma kellhiex l-uzu tas-servizz tal-laptop connect ma ghandhiex bażi u l-ammont ta' €785.54c ghas-servizz huwa dovut.

7. Is-socjeta rikorrenti esebiet kopja tal-kuntratt li bih l-intimata kienet xtrat u akkwistat dan il-laptop minghandha. Pero, meta t-Tribunal gie biex jara dan id-dokument, irriżulta li hemm il-faccata ta' wara nieqsa. Dan qed jinghad b'referenza speċifika ghall-kwistjoni tal-penali. Fl-ewwel faċċata tal-ftehim hemm mitkub hekk "*This subscription is subject to a three (3) year agreement. Should this subscription be terminated before three (3) years from the date of this agreement, GO mobile reserves the right to charge a penalty as stipulated overleaf in Clause 13a of this Agreement*" (fol. 6). Pero x'tghid u ma tghidx din il-klawsola 13a "*overleaf*" it-Tribunal ma jafx l-ghaliex din il-pagna hija nieqsa mill-atti. Huwa minnu li skond ma jirrizulta mid-dokument li hemm esebit a fol. 5 tal-process, il-kuntratt twaqqaf qabel iz-zmien però minhabba din il-mankanza da parti tas-socjeta rikorrenti, t-Tribunal ma jistax jghaddi biex jilqa din it-talba tas-socjeta rikorrenti u konsegwentement qieghed jichad il-penali mitluba.

GHALDAQSTANT, it-Tribunal, filwaqt li qieghed jichad l-eccezzjonijiet tal-intimata fejn dawn huma b'xi mod inkompatibbli ma dak hawn fuq deċiż, qieghed jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti limitatament ghas-somma ta' seba' mija hamsa u tmenin euro u erbgha u hamsin ċenteżmu ta' euro (€785.54c) u jikkundanna lill-intimata thallas l-istess ammont bl-imghaxijiet fuq dan l-ammont mid-data ta' meta kienu dovuti.

L-ispejjez ghandhom jiġu sopportati fl-intier taghhom mill-intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------